Nru. 18,262
Prezz/Price
€3.35 (Lm1.44)

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2008
Tuesday, 10th June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 500**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,260 u 18,261 tat-3 u tas-6 ta' Ġunju, 2008 rispettivament.

A.L. Nru. 141 ta' l-2008: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti.

A.L. Nru. 142 ta' l-2008: *Eurocontrol Act (Cap. 333); Civil Aviation (Route Charges for Navigation Services) (Amendment) Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 143 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati).

A.L. Nru. 144 ta' l-2008: Att dwar l-Armi (Kap. 480); Regolamenti ta' l-2008 dwar Permessi għal Użu ta' Armi tan-nar minn Minuri.

L-10 ta' Ġunju, 2008

**Nru. 501**

### ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-8 sat-13 ta' Ġunju 2008, iż-żewġ dati inklużi.

L-10 ta' Ġunju, 2008

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 500**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,260 and 18,261 of the 3rd and the 6th June, 2008 respectively.

L.N. No. 141 of 2008: Pesticides Control Act (Cap. 430); Plant Protection Products (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 142 of 2008: Eurocontrol Act (Cap. 333); Civil Aviation (Route Charges for Navigation Services) (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 143 of 2008: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Towage (Tariff of Rates) (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 144 of 2008: Arms Act (Cap. 480); Firearms Practice Permits for Minors Regulations, 2008.

10th June, 2008

**No. 501**

### APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 8th to the 13th June 2008, both days inclusive.

10th June, 2008

**Nru. 502**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Joseph Vella | A/Direttur Ġenerali<br>A/*Director General* | Avjazzjoni Ċivili<br>*Civil Aviation* | 10-12.6.2008 |

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 502**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

10th June, 2008

**Nru. 503**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Philip Schembri | Aġent Direttur Ġenerali (Dwana)<br>*Acting Director General (Customs)* | Dwana<br>*Customs* | 25–28.6.2008<br>01–05.7.2008 |

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 503**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)**

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment, has approved the following acting appointment:–

10th June, 2008

**Nru. 504**

**ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-GVERN**

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | UFFIĊĊJU<br>*OFFICE* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Not. Dr Paul Callus | Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern<br>*Acting Chief Notary to Government* | Nutar tal-Gvern<br>*Office of the Notary to Government* | 3–11.7.2008 |

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 504**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT**

THE Permanent Secretary, Ministry for Finance, the Economy and Investment, has approved the following acting appointment:–

10th June, 2008

**Nru. 505**

**ATT TA' L-1999 ATTI NOTARILI (PROVVEDIMENTI TEMPORANJI) ATT X TA' L-1999**

**Ħatra ta' Kummissarju Speċjali għall-Atti Notarili**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1999 dwar Atti Notarili (Provvedimenti Temporanji), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment bħala l-Ministru responsabbli għall-Arkivji Nutarili, reġa' ħatar lil Dott. Joseph Sapiano, B.A., LL.D., bħala Kummissarju Speċjali għall-Atti Nutarili għal żmien tmintax-il xahar b'seħħ mit-13 ta' Mejju 2008.

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 505**

**NOTARIAL ACTS (TEMPORARY PROVISION) ACT, 1999 ACT X OF 1999**

**Appointment of a Special Commissioner for Notarial Acts**

IN exercise of the powers vested in him by Section 3 of the Notarial Acts (Temporary Provisions) Acts, 1999, the Minister for Finance, the Economy and Investment, as the Minister responsible for the Notarial Archives, re-appointed Dr Joseph Sapiano, B.A., LL.D., as a Special Commissioner for Notarial Acts for the period of eighteen months with effect from the 13th May 2008.

10th June, 2008

**Nru. 506**

**MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT**

**Għotja fuq Xiri ta' Apparat tal-Kompjuter – Estensjoni ta' l-Iskema**

SKOND id-dispożizzjoni tal-paragrafu 8 ta' l-Avviż tal-Gvern Nru. 207, ippubblikat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Frar 2008, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment qiegħed itawwal tmiem din l-iskema għas-6 ta' Lulju, 2008.

2. Għalhekk il-pubbliku huwa mgħarraf li se jibqgħu jintlaqgħu applikazzjonijiet dwar din l-iskema fuq apparat tal-kompjuter li jkun inxtara qabel is-7 ta' Lulju, 2008.

3. It-tifsir u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' l-iskema li jidhru fl-Avviż hawn fuq indikat jibqgħu fis-seħħ sakemm tiġi fi tmiemha din l-iskema.

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 506**

**MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT**

**Grant on the Purchase of Computing Equipment – Extension of the Scheme**

IN accordance with the provisions of paragraph 8 of Government Notice No. 207, published in the Government Gazette dated 29th February 2008, the Minister of Finance, the Economy and Investment is extending the termination of the scheme up to the 6th July, 2008.

2. The public is therefore being notified that applications regarding such a scheme will be accepted for computing equipment purchase before the 7th July, 2008.

3. All the interpretations and other provisions under the scheme of the Notice referred to above shall continue to apply till the termination of such a scheme.

10th June, 2008

**Nru. 507**

**'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

**No. 507**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS**

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

*Pulizija*
Ms Roseann Tabone WPC 14
Ms Maria T Grima WPC 47
Ms Lorarita Buhagiar WPC 58
Ms Margaret Azzopardi WPC 130

B'Awtorità

CARMELO MIFSUD BONNICI
*Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern*

L-10 ta' Ġunju, 2008
(MJHA/144/2003/VI)

*Police*
Ms Roseann Tabone WPC 14
Ms Maria T Grima WPC 47
Ms Lorarita Buhagiar WPC 58
Ms Margaret Azzopardi WPC 130

By Authority

CARMELO MIFSUD BONNICI
*Minister for Justice and Home Affairs*

10th June, 2008

**Nru. 508**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 508**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard Agency*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta ta' l-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz Privat<br>*Provate Address* |
|---|---|---|
| Alan Ciangura | 225066M | No: 23, Triq il-Vanilja, Mġarr<br><br>Indirizz ta' l-Aġenzija<br>*Business Address:-*<br>"Horus Security Limited",<br>No. 23, Triq il-Vanilja,<br>Mġarr |

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta ta' l-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Francis Carachi | 999344 (M) | 25, Triq il-Ħuttafa, Fgura |
| Renald Abela | 347749 (M) | 19, Triq Santa Katerina, Gudja |
| Melvin Abela | 426688 (M) | 19, Triq Santa Katerina, Gudja |

| | | |
|---|---|---|
| Gracianne Grixti | 303384 (M) | Binja Ħesri, Ent J, Flat 4, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi |
| Charlo Pirotta | 109078 (M) | 76, Triq Santa Monika, Paola |
| Alfred Raimondo | 117752 (M) | 18, Triq San Bastjan, Valletta |
| Romina Libreri | 325875 (M) | 31H, "St. Mary", Triq il-Monsinjur Dandria, Msida |
| Emanuel Zammit | 118982 (M) | 8, Triq Karmnu Zammit, Żurrieq |
| Ritianne Ronayne | 494785 (M) | Flat 4, Pjazza Sant' Antnin, Binja Kordin, Blokk D, Paola |
| Lucienne Vella | 446285 (M) | 22, "St. Mary", Flat 1, Triq Mattew Pulis, Gżira |
| Kevin Pisani | 535289 (M) | 13, "Palmgate", Triq il-Konti R. Barbaro, Attard |
| Godfrey Busuttil | 605137 (M) | "La Fontanella", Triq il-Mixtla, Attard |
| Elaine Agius | 153904 (L) | 14, Triq Qrejzu, Birkirkara |
| Bruno Mifsud | 283654 (M) | 56, Triq Indrì Cilia, Ħamrun |
| Danika Borg Mizzi | 293587 (M) | Ambjent Buildings, Flat 9, Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar |
| Jurgen Attard | 436789 (M) | 127, Triq Isouard, Marsa |
| Stephen Anthony Camilleri | 151782 (M) | "Leman Mansions", Flat 5, Triq l-Imdina, Attard |
| Ahmed Sherfid | 182396 (M) | 44, Triq Fleur De Lys, Birkirkara |
| Salavtore Dolce | Italian Pass:AM 2174048 | "Mon Amour", Triq Vajrita, Marsaskala |
| Christopher John Borg | 130588 (M) | 1, "Ħanini", Flat 2, Triq F. Busuttil, Birkirkara |
| Gilbert Formosa | 302886 (M) | 85, "Asomrof", Triq Giovanni Papaffy, Birkirkara. |
| Emanuel Pisani | 417647 (M) | 1, "Sharand", Sqaq Cordina, Bormla |
| Pedro Carlos Camilleri | 478086 (M) | 662, Flat 2, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun |
| Clint Galea | 496983 (M) | 112, Flat 1, Triq San Ġużepp, Valletta |
| Alfred Briffa | 538139 (M) | Blokk 6, Flat 3, Triq il-Fosos, Floriana |
| Carmel Mifsud | 124457 (M) | 72, "Casa Charmar", Triq Bettina, Gudja |
| John Cilia | 413857 (M) | 19, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Sliema |
| Maria Dolores Agius | 670058 (M) | 109, "Valley", Flat 2, Triq il-Kulleġġ, Mosta |
| Alison Agius | 634681 (M) | 45, "Emmrose", Triq Sant' Antnin, Marsaskala |
| Stephen Camilleri | 485263 (M) | "Tondia", Flat 4, Triq Viani, Sliema |
| Clint Sammut | 269284 (M) | 51, "Carmpete", Triq Leli Falzon, Naxxar |
| Alfred Debono | 33045 (M) | 203, "Davshir", Triq il-Karmnu, Fgura |
| Kevin Spiteri | 258678 (M) | 3, Sqaq Bazzaru, Birkirkara |
| Anthony Portelli | 3077 (M) | 73, "Casa Del Alpi", Triq il-Grazzji, Sqaq Nru. 3, Żabbar |
| Alan Muscat | 146186 (M) | "Winchester Court", Flat 1, Triq Santa Rita, Birkirkara |
| Godwin Borg | 18158 (M) | 3, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa |
| Jason Grech | 223677 (M) | 132, "St. Joseph", Flat 4,Triq il-Knisja, Xgħajra |
| Ritianne Said | 180281 (M) | "Lilly", Flat 3, Pjazza Memè Scicluna, Gżira |
| Matthew Oliva | 453688 (M)4, | "Mon Cheri", Triq Lord Gort, Żebbuġ |
| Alex Debarro | 334881 (M) | "St. Theresa", Flat 1, Triq Sant' Andrea, Birżebbuġa |
| William Galea | 29783 (M) | "Ta' Laurenti Farmhouse", Il-Buskett, limiti tar-Rabat |
| Mario Caruana | 265385 (M) | 4, Triq il-Karrijiet, Rabat |
| Jonathan Lia | 350082 (M) | 112, "Dream", Triq Gafà, Mosta |
| Graziella Anne Mamo | 58588 (M) | "Edelweiss", Triq it-Tempesta, Qrendi |
| Mark Weatherall | 24913 (A) | 25, Triq San Kataldu, Rabat |

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun dikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat;

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-10 ta' Ġunju, 2008

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

10th June, 2008

**Nru. 509**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)**
**(KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 10. 06. 08 | €18.390 (Lm7.89,5) | €0.377 (Lm0.16,2) |

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 509**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

10th June, 2008

**Nru. 510**

**KONSULTAZZJONI PUBBLIKA**

**Regolamenti ta' l-2008 dwar is-Sospensjoni, ir-Rifjut u r-Revoka ta' l-Awtorizzazzjonijiet**

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi se tipproponi lill-Gvern ta' Malta il-publikazzjoni ta' Regolamenti li jistabilixxu l-parametri li l-Awtorità trid tqis meta tkun qed tikkonsidra applikazzjonijiet (jew xi tibdiliet) għall-awtorizzazzjoni minn applikanti li jkunu nstabu ħatja ta' xi reati partikolari jew li jkunu jeżistu proċeduri kriminali subjudice kontrihom.

Proposti ta' abbozz għal regolamenti bħal dawn qegħdin jiġu pubblikati u jistgħu jitniżżlu mill-il-website ta' l-Awtorità: www.mra.org.mt. Dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ippublikati ukoll hawn aktar 'l isfel.

Stakeholders, partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali qegħdin jiġu mistiedna biex jikkummentaw fuq dawn ir-regolamenti ta' abbozz kif ukoll dwar affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom. Qed jingħata perjodu ta' gimgħatejn żmien biex jintbagħtu il-kummenti. Id-data ta' l-għeluq hija sa nofs in-nhar tat-Tlieta, l-24 ta' Ġunju, 2008. Kummenti bil-miktub jew b'*e-mail* iridu jkunu indirizzati lil:

Uffiċjal Eżekuttiv
Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi
Millennia, it-Tieni Sular,
Triq Aldo Moro,
Marsa MRS 9065
e-mail: mra@mra.org.mt

Il-proposti finali għar-regolamenti, kif ukoll l-kummenti mibgħuta mill-istakeholders, partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, jintbagħtu għall-konsiderazzjoni tal-Gvern.

L-10 ta' Ġunju, 2008

**No. 510**

**PUBLIC CONSULTATION**

**Draft Authorisation (Suspension, Refusal and Revocation) Regulations**

The Malta Resources Authority will be proposing to the Government of Malta the publication of Regulations that will set parameters which the Authority has to take into account when it is considering applications for authorisations (or changes thereto) by applicants who have been convicted of certain offences, or against whom criminal proceedings are sub-judice.

Draft proposals for such Regulations are being published and can be downloaded from the Authority's website at www.mra.org.mt. They are also being reproduced hereunder.

Stakeholders, interested parties and the general public, are being invited to comment on these draft regulations and also on other matters they consider relevant to the issue. A two-week period is being allowed for receipt of comments. The closing is noon of Tuesday, 24th June, 2008. Comments in writing or by e-mail should be addressed to:

The Chief Executive Officer
Malta Resources Authority
Millennia, Second Floor,
Aldo Moro Road,
Marsa MRS 9065.
e-mail: mra@mra.org.mt

Final proposals for regulations, taking into account the comments received from stakeholders, interested parties and the general public will be submitted for Government's consideration.

10th June, 2008

**Proposti**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)**

**Regolamenti ta' l-2008 dwar is-Sospensjoni, ir-Rifjut u r-Revoka ta' l-Awtorizzazzjonijiet**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar is-Sospensjoni, ir-Rifjut u r-Revoka ta' l-Awtorizzazzjonijiet.

Tifsir

**2.** (1) Kemm–il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet li hemm fl-Att.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm–il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser persuna li tkun ippreżentat applikazzjoni biex tinħariġlu jew tiġi trasferita lilu awtorizzazzjoni u fil-każ ta' persuna ġuridika għandha wkoll tinkludi kull persuna oħra li jkollha interess ta' kontroll jew benefiċċju f'dik il-persuna;

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"provditur awtorizzat" tfisser kull persuna li jkollha awtorizzazzjoni valida biex topera, tipprovdi jew twettaq kull attività jew operazzjoni jew servizz ikun kif ikun deskritt relatat ma' l-enerġija, l-ilma u r-riżorsi minerali u fil-każ ta' persuna ġuridika tinkludi wkoll kull persuna naturali jew ġuridika li jkollha interess ta' kontroll f'dik il-persuna.

Applikabbilità

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kull persuna naturali jew ġuridika, li tapplika għand l-Awtorità għall-ħruġ, trasferiment jew tiġdid ta' awtorizzazzjoni, għat-twettiq ta' xi operazzjoni jew attività li jkollha x'taqsam ma' l-enerġija, l-ilma jew riżorsi minerali.

Preżentazzjoni ta' informazzjoni

**4.** L-applikanti u l-provdituri awtorizzati li japplikaw għand l-Awtorità għall-ħruġ, trasferiment jew tiġdid ta' xi awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu lill-Awtorità bl-informazzjoni kollha rilevanti skond ma jista' jkun meħtieġ mill-Awtorità għall-iskop li tiżgura ruħha li l-applikant jew il-provditur awtorizzat ikun persuna adatta u idonea li tingħata awtorizzazzjoni.

Rifjut ta' applikazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni

**5.** (1) L-Awtorità tista' tirrifjuta l-applikazzjoni għall-ħruġ jew t-trasferiment ta' awtorizzazzjoni, u fil-każ ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni, tista' tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni, jekk l-applikant għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni jew provditur awtorizzat ikun:

(a) kiser xi regolament jew ikkommetta reat kontra:-

(i) l-Att, regolamenti maħruġin taħt l-Att, kull leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħt xi dispożizzjoni ta' l-Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinaġġ u Bejgħ ta' *Petroleum*, l-Att dwar l-Enemalta jew l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, jew regolamenti miżmuma fis-seħħ bis-saħħa tar-regolamenti ta' xi wieħed mill-Atti hawn qabel msemmija jew meqjusa li ġew maħruġin taħt xi wieħed minn dawk l-Atti, jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità tagħhom tkun l-awtorità kompetenti;

Kap. 25

Kap. 272

Kap. 355

(ii) l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar il-Kumpanniji, jew regolamenti maħruġin taħt dawk l-Atti;

Kap. 378

Kap. 379

Kap. 386

(iii) l-Att dwar is-Saħħa Pubblika jew l-Att dwar il-Metroloġija;

Kap. 465

Kap. 454

jew

(b) xjentement għamel reat kriminali li dwaru jista' jeħel piena ta' mhux inqas minn sena priġunerija.

(2) Meta tieħu deċiżjoni taħt is-subregolament (1), l-Awtorita` għandha tikkunsidra:

(a) il-gravità u ċ-ċirkustanzi għar-rigward tar-reat jew tal-kontravenzjoni;

(b) l-ispjegazzjoni mogħtija mill-persuna li tinsab ħatja;

(c) ir-rilevanza tar-reat għar-rigward tal-kariga proposta fil-każ ta' applikazzjoni għal xi awtorizzazzjoni jew għat-trasferiment ta' xi awtorizzazzjoni u r-rilevanza għall-

awtorizzazzjoni fil-każ ta' xi awtorizzazzjoni diġà maħruġa mill-Awtorità jew meqjusa li tkun inħarġet mill-Awtorità;

(d) il-mogħdija taż-żmien minn meta r-reat ikun seħħ u provi tar-rijabilitazzjoni ta' l-individwu:

Iżda l-Awtorità, meta tkun qegħdha tiddeċiedi jekk applikant għall-ħruġ jew għat-trasferiment ta' awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid ta' xi awtorizzazzjoni, ikunx persuna adatta u idonea biex ikollha dik l-awtorizzazzjoni, l-Awtorità għandha wkoll tqis dan li ġej:

(i) kull prova ta' dannu attwali jew detriment għall- provdituri awtorizzati jew konsumaturi oħra;

(ii) provi li jindikaw riskji għal provdituri awtorizzati u konsumaturi minn attività ma' l-applikant jew ma' provditur awtorizzat.

Proċeduri *sub judice*

**6.** (1) Meta proċeduri kriminali għar-rigward ta' reat li dwaru japplika ir-regolament 5 ikunu pendenti *sub-judice* kontra xi applikant jew provditur awtorizzat, l-Awtorità tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni jew il-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew għal xi trasferiment ta' awtorizzazzjoni matul iż-żmien meta dawk il-proċeduri jkunu pendenti.

(2) Meta tikkunsidra jekk għandhiex tieħu xi azzjoni taħt dan ir-regolament, l-Awtorità għandha taġixxi skond il-kriterji msemmija fis-subregolament (2) tar-regolament 5.

**Proposal**

## MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT
## (CAP. 423)

### Authorisations (Suspension, Refusal and Revocation) Regulations, 2008

IN EXERCISE of the powers conferred by sub-article (1) of article 28 of the Malta Resources Authority Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority has made the following regulations:

Citation

**1.** The title of these regulations is the Authorisations (Suspension, Refusal and Revocation) Regulations, 2008.

Interpretation

**2.** (1) Unless stated otherwise in these regulations, the definitions in the Act shall apply.

(2) In these regulations, unless the context otherwise requires:

"the Act" means the Malta Resources Authority Act;

"applicant" means a person who has submitted an application for the issue or transfer to him of an authorisation and in the case of a legal person shall also include any other person who has a controlling or beneficial interest in that person;

"authorised provider" means any person who holds a valid authorisation to operate, provide or carry out any activity or operation or service however so described relating to energy, water or mineral resources and in the case of a legal person also includes any natural or legal person who has a controlling interest in that person.

Applicability

**3.** These regulations shall apply to any natural or legal person, who applies to the Authority for the issue, transfer or renewal of an authorisation, to carry out any operation or activity relating to energy, water or mineral resources.

Filing of information

**4.** Applicants and authorized providers applying to the Authority for the issue, transfer or renewal of an authorization shall provide the Authority with all relevant information as may be required by the Authority for the purpose of satisfying itself that the applicant or the authorised provider is a fit and proper person to hold an authorisation.

Refusal of application, suspension or revocation of an authorization.

**5.** (1) The Authority may refuse the application for the issue or transfer of an authorisation, and in the case of a renewal of an authorisation suspend or revoke an authorisation, if an applicant for the issue of an authorisation or an authorized provider has:

(a) contravened any provision of, or committed an offence against:-

Cap. 25
Cap. 272
Cap. 355

(i) the Act, any regulations prescribed thereunder, any subsidiary legislation prescribed under any of the provisions of the Petroleum (Importation, Storage and Sale) Ordinance, the Enemalta Act or the Water Services Corporation Act or any regulations kept in force by virtue of the provisions of any of the aforesaid Acts or deemed to have been issued thereunder, or of any other law for which the Authority is the competent authority;

Cap. 378
Cap. 379
Cap. 386

(ii) the Consumer Affairs Act, the Competition Act, the Companies Act, or any regulations prescribed thereunder;

Cap. 465
Cap. 454

(iii) the Public Health Act or the Metrology Act; or

(b) committed a voluntary criminal offence liable to a punishment of imprisonment for at least one year.

(2) When making a decision under subregulation (1), the Authority shall take into account:

(a) the seriousness of, and circumstances surrounding the offence or the contravention;

(b) the explanation offered by the convicted person;

(c) the relevance of the offence to the proposed role in the case of an application for an authorisation or for the transfer thereof and the relevance to the authorisation in the case of an authorisation already issued by the Authority or deemed to have been issued by the Authority;

(d) the passage of time since the offence was committed and evidence of the individual's rehabilitation:

Provided that the Authority, when considering whether an applicant for the issue or transfer of an authorisation or for a renewal of an authorization, is a fit and proper person to be a holder thereof, the Authority shall also have regard to the following matters:

(i) any evidence of actual harm or detriment to other authorised providers or consumers;

(ii) evidence pointing to risks to authorised providers and consumers from dealings with the applicant or the authorised provider.

*Sub judice* proceedings

**6.** (1) Where criminal proceedings in respect of an offence to which regulation 5 refers are pending *sub-judice* against an applicant or an authorised provider, the Authority may suspend an authorisation or the consideration of an application for an authorisation or for the transfer of an authorisation during the time when the said proceedings are pending.

(2) In considering whether to take any action under this regulation, the Authority shall act in accordance with the criteria listed in sub-regulation (2) of regulation 5.

**Nru. 511**


**ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna jew kif indikat fuq il-mappa riprodotta ta' l-istess skeda msemmija.

**No. 511**

**NAMING OF STREETS IN MALTA**

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column or as indicated on the reproduced map of the schedule.



**L-GĦARB** - *Mappa A*

| | |
|---|---|
| L-isqaq immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 1<br>TA' BETTA |
| L-isqaq immarkat bin-numru 2 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 2<br>TA' TUSMAĊ |
| L-isqaq immarkat bin-numru 3 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 3<br>TA' L-ISPIŻJAR |
| L-isqaq immarkat bin-numru 4 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 4<br>IT-TUTUR |
| L-isqaq immarkat bin-numru 5 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 5<br>TA' LAVINJA |
| L-isqaq immarkat bin-numru 6 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 6<br>TA' MAJSI |
| L-isqaq immarkat bin-numru 7 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 7<br>TAŻ-ŻIKK |
| L-isqaq immarkat bin-numru 8 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 8<br>TA' ĠAJRU |
| L-isqaq immarkat bin-numru 9 fuq il-mappa riprodotta jissemma ..... | TRIQ TAT-TRUX, SQAQ NRU. 9<br>TA' REJFEL |


**L-GĦARB** - *Mappa B*

Sqaq bin-numru 1 jissemma:
TREJQA
TAS-SISIEN, SQAQ NRU 3
TA' DIRDIN

Sqaq bin-numru 2 jissemma:
TREJQA
TAS-SISIEN, SQAQ NRU 2

Trejqa bin-numru 3 tissemma:
TREJQA TAS-SISIEN

Sqaq bin-numru 4 jissemma:
TREJQA
TAS-SISIEN, SQAQ NRU 1



AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 50**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Luqa**

Nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Ġunju 2008 bejn is-1.00 p.m. u s-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Misraħ Sant'Andrija, id-9 ta' April 1942, l-Aħwa Vassallo, G. Tragance, ir-Rixtellu, Mons. Ġużeppi Debono, André Vassallo, Wied il-Knejjes u l-Karmnu.

L-10 ta' Ġunju, 2008

POLICE NOTICE

**No. 50**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

**Luqa**

On Friday, 13th June 2008 between 1.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Misraħ Sant'Andrija, id-9 ta' April 1942, l-Aħwa Vassallo, G. Tragance, ir-Rixtellu, Mons. Ġużeppi Debono, André Vassallo, Wied il-Knejjes and il-Karmnu.

10th June, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 51**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Qormi**

Nhar it-Tnejn, it-23 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġorġ, Dun Marju, l-Isbandola, l-10 ta' Settembru il-Blata, Qasam tad-Djar Fuq tal-Blat, Valletta, il-Mitħna, San Franġisk, it-Tensila, il-Ħabbież, il-Mejjilla, San Pawl, il-Kbira sal-Każin tal-Banda San Ġorġ.

POLICE NOTICE

**No. 51**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Qormi**

On Monday, 23rd June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: San Ġorġ, Dun Marju, l-Isbandola, l-10 ta' Settembru l-Blata, Fuq tal-Blat Housing Estate, Valletta, il-Mitħna, San Franġisk, it-Tensila, il-Ħabbież, il-Mejjilla, San Pawl, il-Kbira to St George's Band Club.

Nhar it-Tlieta, l-24 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pietru Felic̈, Ġorġ Zammit, Anġlu Borg, G. Cilia, il-Ħelsien, id-Deheb Fin, is-Sajf, il-Għasel, il-Ħarifa, id-Dielja, ix-Xitwa, il-Bard, ir-Riġnu, id-Dragun, il-Vitorja, Trejqet Pinto 2 sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Erbgħa, il-25 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, il-Barrakki, Stagno, il-Ħelsien, ix-Xitwa, in-Naħal, il-Bħajra, is-Sajf, ir-Rebbiegħa, il-Plejju, id-Dragun, Pjazza Flores, Pinto u r-Rebħa.

Nhar il-Ħamis, is-26 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, l-Isqof Scicluna, Pinto, Cappadocia, ir-Rebħa, Aniċi u Misraħ San Franġisk.

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2008 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Frederick Maemple, il-Kardinal Sciberras, il-Kbira, San Pietru, Santa Katerina, ir-Rebħa, Pinto u Trejqet Pinto.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: tal-Ħlas, il-Vitorja, Misraħ Alexandra, il-Proża, Misraħ il-Kittieba, San Dwardu, Ġużé Muscat Azzopardi, Trejqet Pinto, Pinto, it-23 ta' April, l-Iskola, l-Isqof Scicluna, Santa Katerina, il-Kbira, Misraħ San Franġisk, il-Wied u l-Mitħna.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 a.m. sal-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, Trejqet Pinto 2, il-Mitħna u Misraħ San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju 2008 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, Misraħ San Franġisk, il-Kardinal Sciberras, Misraħ Frederick Maemple, San Pietru u l-Mitħna.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

L-10 ta' Ġunju, 2008

On Tuesday, 24th June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Pietru Felic̈, Ġorġ Zammit, Anġlu Borg, G. Cilia, il-Ħelsien, id-Deheb Fin, is-Sajf, il-Għasel, il-Ħarifa, id-Dielja, ix-Xitwa, il-Bard, ir-Riġnu, id-Dragun, il-Vitorja, Pinto Junction 2 to Band Club.

On Wednesday, 25th June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, il-Barrakki, Stagno, il-Ħelsien, ix-Xitwa, in-Naħal, il-Bħajra, is-Sajf, ir-Rebbiegħa, il-Plejju, id-Dragun, Pjazza Flores, Pinto and ir-Rebħa.

On Thursday, 26th June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, l-Isqof Scicluna, Pinto, Cappadocia, ir-Rebħa, Aniċi and Misraħ San Franġisk.

On Friday, 27th June 2008 at 8.00 p.m. through the following streets: Misraħ Frederick Maemple, il-Kardinal Sciberras, il-Kbira, San Pietru, Santa Katerina, ir-Rebħa, Pinto and Pinto Junction.

On Saturday, 28th June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: tal-Ħlas, il-Vitorja, Misraħ Alexandra, il-Proża, Misraħ il-Kittieba, San Dwardu, Ġużé Muscat Azzopardi, Pinto Junction, Pinto, it-23 ta' April, l-Iskola, l-Isqof Scicluna, Santa Katerina, il-Kbira, Misraħ San Franġisk, il-Wied and il-Mitħna.

On Sunday, 29th June 2008 from 6.00 a.m. to 4.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, Pinto Junction 2, il-Mitħna and Misraħ San Franġisk.

On Sunday, 29th June 2008 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, ir-Rebħa, Aniċi, Misraħ San Franġisk, il-Kardinal Sciberras, Misraħ Frederick Maemple, San Pietru and il-Mitħna.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

10th June, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 37 ta' l-2008**

*Żoni Riservati għall-Għawwiema*

Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-sidien kollha ta' inġenji tal-baħar illi skond ir-Regolamenti ta' 1-1975 dwar l-Irmiġġar u skond artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) huwa pprojbit li l-inġenji kollha tal-baħar ibaħħru fiż-Żoni definiti hawn taħt u li ġew riservati għall-Għawwiema bejn il-15 ta' Ġunju 2008 u t-30 ta' Settembru 2008. Dawn jinkludu u mhux biss dgħajjes bil-mutur jew dgħajjes tal-qlugħ, *windsurfers*, *surf-boards*, *acqua-scooters*, *pedal boats*, *canoes* u inġenji oħra bl-imqadef. Dgħajjes li jkunu rmiġġati f'dawn iż-żoni għandhom jitneħħew minnufih. Sidien ta' dgħajjes li għandhom permessi ta' rmiġġ f'dawn iż-żoni għandhom jikkuntattjaw lill-Awtorità Marittima ta' Malta fuq numru tat-telefon 22914145 għal aktar dettalji dwar post alternattiv. Kull dgħajsa, baga u rkaptu li jinstabu f'dawn iż-żoni msemmija wara d-data ta' hawn fuq, jiġu mneħħija. L-Awtorità Marittima ta' Malta ma' taċċetta l-ebda responsabbiltà għal xi ħsara li ssir waqt it-tneħħija ta' inġenji, bagi u rkapti bħal dawn. *Lilos* u ġugarelli tal-*plastic* artab li jintefħu jistgħu jintużaw f'dawn l-inħawi bil-kundizzjoni li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jiġi skansat disturbi jew inċidenti lill-għawwiema oħra. Aktar dettalji dwar it-tqassim ta' bagi u materjal relatat għal bajjiet speċifiċi jiġu mgħarrfin permezz ta' Avviżi lill-Baħħara oħra. Dawn iż-żoni huma mmarkati b'linja li tgħaqqad żewġ ponot murija b'bagi kuluriti u x-xatt intermedju bejn il-ponot. Il-bagi li jimmarkaw iż-żoni msemmija hawn taħt jistgħu jinstabu ġimgħatejn (2) qabel u sa tliet (3) ġimgħat wara d-dati msemmija hawn fuq. Il-konfini taż-Żoni ta' l-Għawwiema huma kif ġej:–

**1. Il-Bajja tal-Qbajjar - Għawdex**

**irreferi għal Chart 1**

Linja li tgħaqqad ponot $1_A$ (il-Lbiċ ta' l-iskal) ma' $1_B$ (taraġ) u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $1_A$ | 36°04'.62 | 14°15'.12 |
| $1_B$ | 36°04'.60 | 14°15'.20 |

**Ir-Ramla - Għawdex**

Linja li tgħaqqad ponot $1_C$ ma' $1_D$ u l-linja tax-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $1_C$ | 36°03'.75 | 14°16'.84 |
| $1_D$ | 36°03'.79 | 14°17'.22 |

**Il-Bajja ta' San Blas - Għawdex**

Linja li tgħaqqad ponot $1_e$ ma' $1_F$ u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 37 of 2008**

*Zones reserved for Swimmers*

The Executive Director (Ports) notifies all owners of sea craft that in terms of the Berthing Regulations 1975 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), it is prohibited to navigate any craft whatsoever in the Zones defined below as reserved for Swimmers between 15th June, 2008 and 30th September, 2008. These include but not limited to mechanically propelled sea craft, sailing boats, wind surfers, surf-boards, aqua-scooters, pedal boats, canoes and any craft propelled by oars. Any boats that are moored within the enclosed areas are to be removed immediately. Boat owners that have mooring permits within the areas are to make contact with Malta Maritime Authority on phone number 22914145 for further details regarding an alternative location. Any boat, mooring buoys and ground tackle that will be found inside the stipulated areas after the above date, will be removed. The Malta Maritime Authority will accept no liability whatsoever for any damage caused during the removal of such craft, mooring buoys and ground tackle. Lilos and soft plastic inflatable beach toys may be used in these areas provided that all necessary precaution is taken not to disturb other swimmers. Further detailed configuration in describing the layout of marker buoys and related gear for specific bays will be promulgated on separate forthcoming Notices to Mariners. These zones are delineated by a line joining two points, indicated by coloured marker buoys and the intermediate coastline between the points. The marker buoys of the below-mentioned zones may be found two (2) weeks before and up to three (3) weeks after the above mentioned dates. The boundaries of these Swimmers' Zones are as follows:–

**1. Il-Bajja tal-Qbajjar - Gozo**

**refer to Chart 1**

Line joining points $1_A$ (SW of slipway) and $1_B$ (steps) and the intermediate coast line to the South West of this line.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $1_A$ | 36°04'.62 | 14°15'.12 |
| $1_B$ | 36°04'.60 | 14°15'.20 |

**Ir-Ramla - Gozo**

Line joining points $1_C$ and $1_D$ and the intermediate coastline to the South of this line.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $1_C$ | 36°03'.75 | 14°16'.84 |
| $1_D$ | 36°03'.79 | 14°17'.22 |

**Il-Bajja ta' San Blas - Gozo**

Line joining points $1_E$ and $1_F$ and the intermediate coastline to the South West of this line.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $1_E$ | 36°03'.47 | 14°18'.00 |
| $1_F$ | 36°03'.44 | 14°18'.10 |

**2. Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands)**
**irreferi għal Chart 2**

Linja li tgħaqqad ponot $2_A$ ma' $2_B$ u l-linja tax-xatt intermedju mill-Grigal ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $2_A$ | 35°56'.07 | 14°20'.43 |
| $2_B$ | 35°55'.90 | 14°20'.58 |

**Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa**

Linja li tgħaqqad ponot $2_C$ ma' $2_D$ u l-linja tax-xatt intermedju mix-Xlokk ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $2_C$ | 35°55'.83 | 14°20'.62 |
| $2_D$ | 35°55'.72 | 14°20'.50 |

**3. Il-Bajja tal-Mellieħa**
**irreferi għal Chart 3**

Linja li tgħaqqad ponot $3_A$ ma' $3_B$ u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $3_A$ | 35°58'.45 | 14°21'.06 |
| $3_B$ | 35°57'.97 | 14°21'.31 |

**Il-Bajja ta' l-Imġiebaħ**

Linja li tgħaqqad ponot $3_C$ ma' $3_D$ u l-linja tax-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $3_C$ | 35°58'.13 | 14°22'.84 |
| $3_D$ | 35°58'.13 | 14°23'.02 |

**4. Il-Bajja taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay)**
**irreferi għal Chart 4**

Linja li tgħaqqad ponot $4_A$ ma' $4_B$ u l-linja tax-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

**2. Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands)**
**refer to Chart 2**

Line joining points $2_A$ and $2_B$ and the intermediate coastline to the North East of this line.

**Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa**

Line joining points $2_C$ and $2_D$ and the intermediate coastline to the South East of this line.

**3. Il-Bajja tal-Mellieħa**
**refer to Chart 3**

Line joining points $3_A$ and $3_B$ and the intermediate coastline to the South West of this line.

**Il-Bajja ta' l-Imġiebaħ**

Line joining points $3_C$ and $3_D$ and the intermediate coastline to the South of this line.

**4. Il-Bajja taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay)**
**refer to Chart 4**

Line joining points $4_A$ and $4_B$ and the intermediate coastline to the South of this line.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $4_A$ | 35°58'.96 | 14°19'.87 |
| $4_B$ | 35°58'.97 | 14°19'.97 |

**5. Il-Bajja ta' San Pawl (Għajn Rażul - Veċċa Breakwater)**

**irreferi għal Chart 5 – Sheet 1**

Linja li tgħaqqad ponot $5_A$, $5_B$, $5_C$, $5_D$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $5_A$ | 35°56'.83 | 14°23'.41 |
| $5_B$ | 35°56'.92 | 14°23'.45 |
| $5_C$ | 35°56'.95 | 14°23'.56 |
| $5_D$ | 35°56'.91 | 14°23'.59 |

**Il-Bajja ta' San Pawl (Għażżelin)**

Linja li tgħaqqad ponot $5_E$, $5_F$, $5_G$, $5_H$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (N)<br>*Latitude (N)* | Longitude (E)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $5_E$ | 35°57'.04 | 14°23'.59 |
| $5_F$ | 35°57'.07 | 14°24'.08 |
| $5_G$ | 35°57'.03 | 14°24'.31 |
| $5_H$ | 35°57'.01 | 14°24'.40 |

**Il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar (Buġibba, faċċata d-Dolmen Hotel) irreferi għal Chart 5 – Sheet 2**

Il-linji li jgħaqqdu ponot $5_I$, $5_J$, $5_K$, $5_L$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (N)<br>*Latitude (N)* | Longitude (E)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $5_I$ | 35°57'.283 | 14°25'.023 |
| $5_J$ | 35°57'.285 | 14°24'.997 |
| $5_K$ | 35°57'.238 | 14°24'.955 |
| $5_L$ | 35°57'.222 | 14°24'.970 |

**6. Il-Bajja ta' Marsalforn - Għawdex**

**irreferi għal Chart 6**

Linja li tgħaqqad ponot $6_A$, $6_B$ u $6_C$ u l-linja tax-xatt intermedju ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $6_A$ | 36°04'.47 | 14°15'.51 |
| $6_B$ | 36°04'.32 | 14°15'.52 |
| $6_C$ | 36°04'.33 | 14°15'.62 |

**5. Il-Bajja ta' San Pawl (Għajn Rażul - Veċċa Breakwater)**

**refer to Chart 5 – Sheet 1**

Line joining points $5_A$, $5_B$, $5_C$, $5_D$ and the intermediate coastline.

**Il-Bajja ta' San Pawl (Għażżelin)**

Line joining points $5_E$, $5_F$, $5_G$, $5_H$ and the intermediate coastline.

**Il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar (Buġibba, opposite Dolmen Hotel) refer to Chart 5 – Sheet 2**

Lines joining points $5_I$, $5_J$, $5_K$, $5_L$ and the intermediate coastline.

**6. Il-Bajja ta' Marsalforn - Gozo**

**refer to Chart 6**

Line joining points $6_A$, $6_B$, and $6_C$ and the intermediate coastline of this line.

**7. Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien - Għawdex**
**irreferi għal Chart 7**

Linja li tgħaqqad ponot $7_A$, $7_H$, $7_B$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $7_A$ | 36°01'.67 | 14°19'.36 |
| $7_H$ | 36°01'.64 | 14°19'.39 |
| $7_B$ | 36°01'.62 | 14°19'.34 |

Il-baħħara huma mwissija li se jkun hemm *wire* li jinżamm fil-wiċċ bis-sufri li jgħaqqdu dawn il-ponot. Il-*wirerope* jista' jitqiegħed/jitneħħa ġimgħatejn qabel/wara d-data stipulata.

**Il-Bajja ta' San Niklaw - Kemmuna**

Linja li tgħaqqad ponot $7_C$, $7_D$, $7_E$,u l-linja tax-xatt intermedju mix-Xlokk ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $7_C$ | 36°01'.01 | 14°19'.75 |
| $7_D$ | 36°00'.94 | 14°19'.77 |
| $7_E$ | 36°00'.94 | 14°19'.82 |

**Il-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna**

Linja immaġinarja li tgħaqqad il-ponta $7_F$, $7_G$ u x-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja. (Il-kantuniera min-naħa tal-Grigal ta' l-Għassa tal-Pulizija sa l-iskal fin-naħa tal-Lvant tal-bajja).

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $7_F$ | 36°01'.00 | 14°20'.18 |
| $7_G$ | 36°00'.99 | 14°20'.26 |

**8. Il-Bajja tax-Xlendi**
**irreferi għal Chart 8**

Il-konfini ta' din iż-żona għall-għawwiema fix-Xlendi huwa *wire-rope* bejn il-punti $8_A$ (fuq il-moll) u $8_B$ (ħdejn Churchill Bar) u x-xatt intermedju. Il-*wire-rope* huwa miżmum minn erba' bagi, ħomor u sofor, erba' metri bogħod minn xulxin. Il-*wire-rope* jistgħa jitqiegħed/jitneħħa ġimgħatejn qabel/wara d-dati stipulati.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $8_A$ | 36°01'.83 | 14°13'.01 |
| $8_B$ | 36°01'.84 | 14°12'.99 |

**7. Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien - Gozo**
**refer to Chart 7**

Line joining points $7_A$, $7_H$, $7_B$ and the intermediate coastline.

| Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|
| 14°19'.36 |
| 14°19'.39 |
| 14°19'.34 |

Mariners are warned that a wire will be kept afloat by floats connecting these points. The wirerope may be placed/removed two weeks before/after the stipulated date.

**Il-Bajja ta' San Niklaw - Comino**

Line joining points $7_C$, $7_D$, $7_E$, and the intermediate coastline to the South East of this line.

| Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|
| 14°19'.75 |
| 14°19'.77 |
| 14°19'.82 |

**Il-Bajja ta' Santa Marija, Comino**

Imaginary line joining points $7_F$, $7_G$ and the intermediate coastline to the South of this line. (North East corner of Police Station to the slipway on the Eastern part of the bay).

| Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|
| 14°20'.18 |
| 14°20'.26 |

**8. Il-Bajja tax-Xlendi**
**refer to Chart 8**

The boundary of this swimmer zone in Xlendi is a wire rope between points $8_A$ (on jetty) and $8_B$ (near Churchill Bar) and the intermediate coastline. The wire rope is supported by groups of four buoys, red and yellow in colour, four metres apart. The wire rope may be placed/removed two weeks before/after the stipulated dates.

| Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|
| 14°13'.01 |
| 14°12'.99 |

B'żieda ma' dan, linja rettangolari li tgħaqqad il-pożizzjonijiet li ġejjin u x-xatt intermedju juru żona oħra.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $8_C$ | 36°01'.75 | 14°12'.90 |
| $8_D$ | 36°01'.77 | 14°12'.90 |
| $8_E$ | 36°01'.79 | 14°13'.00 |
| $8_F$ | 36°01'.78 | 14°13'.01 |

*Wire rope* bejn ponot $8_G$ (fuq il-moll) u $8_H$ (ħdejn l-i*slipway*) u x-xatt intermedju. Il-*wire rope* jinżamm minn grupp ta' erba' bagi, ta' kulur aħmar u isfar, erba' metri bogħod minn xulxin.

| | | |
|---|---|---|
| $8_G$ | 36°01'.84 | 14°12'.99 |
| $8_H$ | 36°01'.84 | 14°13'.00 |

**9. Il-Bajja ta' Birżebbuġa**

**irreferi għal Chart 9**

Linja ta' tgħaqqad il-ponot minn $9_A$ (l-aktar part lejn in-Nofsinhar tal-moll tal-*breakwater*), $9_B$, $9_C$ (l-aktar part lejn ix-Xlokk tal-*water polo pitch*) u x-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $9_A$ | 35°49'.42 | 14°31'.77 |
| $9_B$ | 35°49'.42 | 14°31'.84 |
| $9_C$ | 35°49'.59 | 14°31'.85 |

**10. Ix-Xatt ta' Spinola**

**irreferi għal Chart 10**

Linja rettangolari li tgħaqqad ponot $10_A$, $10_B$, $10_C$, $10_D$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $10_A$ | 35°55'.08 | 14°29'.57 |
| $10_B$ | 35°55'.09 | 14°29'.58 |
| $10_C$ | 35°55'.04 | 14°29'.65 |
| $10_D$ | 35°55'.02 | 14°29'.62 |

B'żieda ma' dan, l-inħawi delineati b'linja li tgħaqqad il-ponot $10_E$, $10_F$, $10_G$, $10_H$, $10_i$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $10_E$ | 35°54'.96 | 14°29'.86 |
| $10_F$ | 35°54'.97 | 14°29'.82 |
| $10_G$ | 35°55'.08 | 14°29'.83 |
| $10_H$ | 35°55'.13 | 14°29'.87 |
| $10_i$ | 35°55'.11 | 14°29'.91 |

Furthermore, a rectangular line joining the following positions and the intermediate coastline delineates another zone.

| | | |
|---|---|---|
| $8_C$ | 36°01'.75 | 14°12'.90 |
| $8_D$ | 36°01'.77 | 14°12'.90 |
| $8_E$ | 36°01'.79 | 14°13'.00 |
| $8_F$ | 36°01'.78 | 14°13'.01 |

A wire rope between points $8_G$ (on quay) and $8_H$ (near slipway) and the intermediate coastline. The wire rope is supported by groups of four buoys, red and yellow in colour, four metres apart.

| | | |
|---|---|---|
| $8_G$ | 36°01'.84 | 14°12'.99 |
| $8_H$ | 36°01'.84 | 14°13'.00 |

**9. Il-Bajja ta' Birżebbuġa**

**refer to Chart 9**

Line joining points from $9_A$ (southern most part of breakwater jetty), $9_B$, $9_C$ (the south east part of the water polo pitch) and the intermediate coastline.

| | | |
|---|---|---|
| $9_A$ | 35°49'.42 | 14°31'.77 |
| $9_B$ | 35°49'.42 | 14°31'.84 |
| $9_C$ | 35°49'.59 | 14°31'.85 |

**10. Ix-Xatt ta' Spinola**

**refer to Chart 10**

A rectangular line joining points $10_A$, $10_B$, $10_C$, $10_D$ and the intermediate coastline.

| | | |
|---|---|---|
| $10_A$ | 35°55'.08 | 14°29'.57 |
| $10_B$ | 35°55'.09 | 14°29'.58 |
| $10_C$ | 35°55'.04 | 14°29'.65 |
| $10_D$ | 35°55'.02 | 14°29'.62 |

Furthermore, another area is delineated by a line joining points $10_E$, $10_F$, $10_G$, $10_H$, $10_i$ and the intermediate coastline.

| | | |
|---|---|---|
| $10_E$ | 35°54'.96 | 14°29'.86 |
| $10_F$ | 35°54'.97 | 14°29'.82 |
| $10_G$ | 35°55'.08 | 14°29'.83 |
| $10_H$ | 35°55'.13 | 14°29'.87 |
| $10_i$ | 35°55'.11 | 14°29'.91 |

**Il-Bajja ta' San Ġorġ**

Linja li tgħaqqad il-ponot $10_j$ u $10_K$ u l-linja tax-xatt intermedju.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $10_J$ | 35°55'.595 | 14°29'.292 |
| $10_K$ | 35°55'.535 | 14°29'.352 |

**San Ġorġ Bay**

Line joining points $10_j$ and $10_K$ and the intermediate coastline to the South East of this line.

**11. Mġarr ix-Xini - Għawdex**

**irreferi għal Chart 11**

Linja li tgħaqqad il-ponot 11A, 11B u 11C u x-xatt intermedju mill-Punent ta' dawn il-linji.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $11_A$ | 36°01'.22 | 14°16'.29 |
| $11_B$ | 36°01'.20 | 14°16'.30 |
| $11_C$ | 36°01'.18 | 14°16'.29 |

**11. Mġarr ix-Xini - Gozo**

**refer to Chart 11**

Lines joining points 11A, 11B and 11C and the intermediate coastline to the West of these lines.

**12. Il-Bajja ta' Marsaskala**

**irreferi għal Chart 12**

Linja li tgħaqqad il-ponot $12_A$ u $12_B$ u x-xatt intermedju mit-Tramuntana ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $12_A$ | 35°52'.00 | 14°34'.08 |
| $12_B$ | 35°51'.99 | 14°34'.19 |

**12. Marsaskala Bay**

**refer to Chart 12**

Lines joining points $12_A$ and $12_B$ and the intermediate coastline to the North of this line.

u l-linji li jgħaqqdu l-ponot 12C, 12D u 12E u x-xatt intermedju bejn il-Lbiċ ta' dawn il-linji:

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $12_C$ | 35°51'.87 | 14°34'.27 |
| $12_D$ | 35°51'.80 | 14°34'.38 |
| $12_E$ | 35°51'.70 | 14°34'.53 |

and the lines joining the points 12C, 12D and 12E and the intermediate coastline to the South West of these lines:

**Il-Bajja ta' San Tumas**

Linja li tgħaqqad il-ponot 12F u 12G u x-xatt intermedju mit-Tramuntana ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $12_F$ | 35°51'.28 | 14°33'.93 |
| $12_G$ | 35°51'.29 | 14°34'.03 |

**Saint Thomas Bay**

Line joining points 12F and 12G and the intermediate coastline to the North of this line.

**13. Id-Daħla ta' Rinella**

**irreferi għal Chart 13**

Linja li tgħaqqad il-ponot $13_A$ u $13_B$ u x-xatt intermedju mil-Lvant ta' din il-linja.

| Ponot<br>*Points* | Latitude (T)<br>*Latitude (N)* | Longitude (L)<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| $13_A$ | 35°53'.59 | 14°31'.61 |
| $13_B$ | 35°53'.66 | 14°31'.63 |

Il-baħħara huma mfakkra illi huwa pprojbit li wieħed jorbot/jirmiġġa xi inġenji tal-baħar ma' xi waħda mill-bagi jew materjal relatat, li jimmarkaw iż-żoni għall-għawwiema.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Wieħed jista' jara parti miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

L-10 ta' Ġunju, 2008

**13. Rinella Creek**

**refer to Chart 13**

Line joining points 13A and 13B and the intermediate coastline to the East of this line.

Mariners are reminded that it is prohibited to secure/moor any craft with any marker buoy and related gear, delineating the swimmers zones.

All positions are referred to WGS 84 DATUM.

Parts of charts can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

10th June, 2008

L-INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

**L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)**

| | **2008** |
|---|---|
| Jannar | 112.42 |
| Frar | 112.89 |
| Marzu | 113.66 |
| April | 114.08 |

**Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–**

| Oġġetti | Marzu 2008 | April 2008 | Effett fuq l-Indiċi |
|---|---|---|---|
| **Ikel** | | | |
| Ħut, frisk jew iffriżat | 131.53 | 120.73 | -0.06 |
| Ħalib u prodotti magħmula mill-ħalib | 107.66 | 110.30 | 0.05 |
| Ħaxix | 183.71 | 159.25 | -0.25 |
| **Ħwejjeġ u Żraben** | | | |
| Ħwejjeġ tan-nisa | 87.96 | 92.37 | 0.08 |
| ***Housing*** | | | |
| Xogħlijiet varji fil-kostruzzjoni | 120.77 | 122.52 | 0.07 |

RETAIL PRICE INDEX

**All Items (December 2002 = 100)**

| | **2008** |
|---|---|
| January | 112.42 |
| February | 112.89 |
| March | 113.66 |
| April | 114.08 |

**Items causing most change:–**

| Items | March 2008 | April 2008 | Effect on Index |
|---|---|---|---|
| **Food** | | | |
| Fish, fresh or chilled | 131.53 | 120.73 | -0.06 |
| Milk and milk products | 107.66 | 110.30 | 0.05 |
| Vegetables | 183.71 | 159.25 | -0.25 |
| **Clothing and Footwear** | | | |
| Women's outwear | 87.96 | 92.37 | 0.08 |
| **Housing** | | | |
| Various construction works | 120.77 | 122.52 | 0.07 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Trasport u Komunikazzjoni** | | | | **Transport and Communication** | | | |
| *Fuel* | 138.99 | 141.43 | 0.09 | Fuels | 138.99 | 141.43 | 0.09 |
| **Rikrejazzjoni u Kultura** | | | | **Recreation and Culture** | | | |
| Spejjeż fil-qasam edukattiv | 116.80 | 120.57 | 0.05 | Education expenses | 116.80 | 120.57 | 0.05 |

L-10 ta' Ġunju, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Consultant Orthopaedic Surgeon with an Interest in Paediatric Orthopaedic Surgery* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Orthopaedic Surgeon with an interest in Paediatric Orthopaedic Surgery* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-ħatra tkun skond il-provvedimenti tal-*collective agreement* bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Serviżż Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Orthopaedic Surgeon* b'interess f'*Paediatric Orthopaedic Surgery* tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Orthopaedic and Trauma* u taqa' taħt iċ-*Chairperson* tad-Dipartiment tal-Ortopedija. Hija tkun mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Ortopedija u tieħu sehem fil-programmi tiegħu ta' tagħlim u ta' riċerka.

4.2. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment ta' l-Ortopedija kif imqabbda miċ-*Chairperson* tad-Dipartiment ta' l-Ortopedija.

4.3. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem attiv fit-tkabbir u l-iżvilupp ta' *Paediatric Orthopaedic Service*. Hi tkun trid tipprovdi *secondary referral service* lill-konsulenti

10th June, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Consultant Orthopaedic Surgeon with an Interest in Paediatric Orthopaedic Surgery in the Health Division in the Ministry for Social Policy**

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Orthopaedic Surgeon with an interest in Paediatric Orthopaedic Surgery in the Health Division.

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Orthopaedic Surgeon with an interest in Paediatric Orthopaedic Surgery will form part of the Department of Orthopaedics and Trauma and will be directly accountable to the Chairperson of Orthopaedics. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Orthopaedics and to participate in its teaching and research programmes.

4.2. The appointee shall carry out duties in the Department of Orthopaedics as assigned by the Chairperson of the Department of Orthopaedics.

4.3. The appointee will be expected to take an active part in the further expansion and development of a Paediatric Orthopaedic Service. He/She will be required to provide

oħra għall-maniġġjar kontinwu ta' *paediatric orthopaedic patients*.

4.4. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel regolarment *Paediatric Orthopaedic Clinics* speċjalizzati fl-isptar u tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità. Hi tista' tkun meħtieġa wkoll li tagħti servizz f'xi estensjoni oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

4.5. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dak in-nhar filgħaxija, ddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun l-ogħla livell possibbli.

4.7. Il-persuna nominata trid tassigura li l-kura tal-pazjent tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwità, inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin.

4.8. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li tieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha u tikkoopera ma' u tagħti pariri lil tobba oħra fuq ħwejjeġ relatati ma' l-ispeċjalità.

4.9. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħti servizzi ta' konsulenza fir-*Rehabilitation Hospital*.

4.11. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

4.12. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

a secondary referral service to other consultants for the continuing management of paediatric orthopaedic patients.

4.4. The appointee will be required to hold regular specialized Paediatric Orthopaedic Clinics at the hospital and may be required to hold regular specialized clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes. He/She may also be required to provide service in any future extension of the health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.5. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admission in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.6. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.7. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity including continuity through well-maintained and easily followable medical records and timely discharge summaries.

4.8. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge and will liaise with and advise other members of the medical and surgical staff on matters pertaining to the speciality.

4.9. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.10. The appointee shall be required to provide consultancy services in the Rehabilitation Hospital.

4.11. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

4.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispoziżżjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) Ikollhom:

(i) Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fl-*Orthopaedic Surgery* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fl-*Orthopaedic Surgery Specialist Register;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-*Orthopaedic Surgery Specialist Register;*

e) ikollhom sentejn esperjenza *full-time* bħala speċjalisti fl-*Orthopaedic Surgery*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta.

d) be in possession of:

(i) a certificate of completion of training in Orthopaedic Surgery by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Orthopaedic Surgery Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Orthopaedic Surgery Specialist Register;

(e) have two years full time experience as a specialist in Orthopaedic Surgery;

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for

(6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fl-*Orthopaedic Surgery* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (ċ) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni,

applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Orthopaedic Surgery as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may

maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Ġunju, 2008

still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 4th July 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 4th July 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

10th June, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *Speech Therapist***
**fid-Diviżjoni tas-Saħħa**
**fil-Ministeru għall-Politika Soċjali**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Speech Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Speech Therapist* għandu salarju ta' €12,567 (Lm5,395.01) fis-sena li jiżdied b'€354.17 (Lm152.05) fis-sena sa massimu ta' €14,692 (Lm6,307.28) (Skala ta' Salarju Nru. 12). Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* tiġi promossa fil-grad ta' *Senior Speech Therapist* fi Skala ta' Salarju Nru. 10 €14,186 (Lm6,090.05) fis-sena li jiżdied b'€407.67 (Lm175.01) fis-sena sa massimu ta' €16,632 (Lm7,140.12) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-i*Speech Therapy* titqiegħed fi Skala ta' Salarju Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju Nru. 9 b'salarju ta' €15,074 (Lm6,471.27) fis-sena li jiżdied b' €447.17 (Lm191.97) fis-sena sa massimu ta' €17,757 (Lm7,623.08) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Speech Therapist* wara sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u jkunu suġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* jinkludu :

a) tipprovdi servizzi kliniċi rigward *Speech Therapy;*

b) tassessja u tikkura pazjenti bi problemi ta' komunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

ċ) iżżomm *records* eżatti skond il-*policies* u l-proċeduri tad-Dipartiment;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Speech Therapist**
**in the Health Division**
**in the Ministry for Social Policy**

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Speech Therapist in the Health Division.

2.1 The post of Speech Therapist carries a salary of €12,567 (Lm5,395.01) per annum rising by annual increments of €354.17 (Lm152.05) up to a maximum of €14,692 (Lm6,307.28) (Salary Scale No 12). A Speech Therapist will be promoted to the grade of Senior Speech Therapist in Salary Scale No. 10 €14,186 (Lm6,090.05) per annum rising by annual increments of €407.67 (Lm175.01) up to a maximum of €16,632 (Lm7,140.12) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Speech Therapist in possession of a recognised degree in Speech Therapy will be placed in Salary Scale No. 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Speech Therapist will progress to Scale No. 9 €15,074 (Lm6,471.27) per annum rising by annual increments of €447.17 (Lm191.97) up to a maximum of €17,757 (Lm7,623.08) on completion of two years service as graduate Speech Therapist. A graduate Speech Therapist will be promoted to Senior Speech Therapist on completion of two years service in the grade of Speech Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Speech Therapist include:

a) provision of clinical services with regard to Speech Therapy;

b) assessment and treatment of patients with communication problems as allocated by senior staff;

c) keeping of accurate records in accordance with departmental policies and procedures;

d) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Speech Language Pathologist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Speech Language Pathologist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates

li se jiggradwaw fil-*Communication Therapy* fis-sena 2008 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a), (b) u (d). Jekk jintagħżlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikati f'paragrafu 5(ċ) qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa postijiet vakanti.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

who will be graduating in Communication Therapy in the year 2008 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(c) before appointment.

6.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-website tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Ġunju, 2008

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 4th July 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 4th July 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

10th June, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

**Riżultat għall-Post ta' *Principal Electrocardiography (ECG) Technician* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex) fil-Ministeru għal Għawdex**

Id-Direttur *Customer Services* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-post imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Ġunju, 2008

MINISTRY FOR GOZO

**Results for the Post of Principal Electrocardiography (ECG) Technician in the Customer Services Department (Gozo General Hospital) in the Ministry for Gozo**

The Director Customer Services notifies that the result for the abovementioned post may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria, Gozo, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th June, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

**Riżultati ta' l-Intervista għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali**

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Uffiċjal Xjentifiku *(Radiotherapy Physicist)*
Spiżjar

L-10 ta' Ġunju, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

**Results of Interview for Posts in the Health Division in the Ministry for Social Policy**

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)
Pharmacist

10th June, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

**Eżamijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati/Bandisti fil-Forzi Armati ta' Malta 2007/8 (Forza Regolari) – Skema B**

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati ta' l-eżamijiet imsemmija ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċju.

L-10 ta' Ġunju, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Examinations for Enlistment of Soldiers/Bandsmen in the Armed Forces of Malta 2007/8 (Regular Force) - Scheme B**

The Director of Examinations notifies that the results of the above examinations have been published and may be viewed at the Examinations Department, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

10th June, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

**Avviż għar-Reġistrazzjoni ta' Persuni u Għaqdiet Sportivi**

Skond l-Avviż Legali 63 ta' l-2008 li jirreferi għall-Att dwar l-Isports (Kapitolu 455), se jitwaqqaf Reġistru ta' Persuni Sportivi se jkun taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Malti għall-iSport.

L-applikant għandu japplika għar-reġistrazzjoni billi jippreżenta lill-Kunsill formola ta' l-applikazzjoni indirizzata liċ-*Chairperson* tal-Kunsill, flimkien mad-dokumenti kollha mitluba mill-Att u minn dawn ir-regolamenti u li huma mniżżla hawn taħt:

Fejn hu applikabbli, l-Istitut jew l-Att Kostituttiv ta' l-applikant u r-regolamenti kollha ta' l-applikant kif inhuma fis-seħħ fid-data ta' l-applikazzjoni.

Fejn hu applikabbli, l-aħħar rapport li hu mitlub mingħand l-Uffiċjali ta' l-applikant skond l-Istatut ta' l-applikazzjoni.

L-aħħar kontijiet finanzjarji u rapport ta' l-awditur ta' l-applikant.

L-applikazzjoni tista' tinġabar mill-Kunsill Malta għall-iSport li jinsab ġewwa l-Kumpess Sportiv tal-Kottonerra jew billi tidħol fuq is-sit elettroniku www.sportmalta.org.mt.

L-10 ta' Ġunju, 2008

KUNSILL LOKALI MARSA

Il-Kunsill Lokali Marsa jgħarraf illi, skond l-Artikolu 35 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) rigward abbozz ta' *Bye Law*: L-Użu ta' *Mini Pitch*, jinsab għall-wiri fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Wara se jkun hemm laqgħa biex tiġi diskussa din il-*Bye Law* nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Lulju, 2008.

L-10 ta' Ġunju, 2008

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għal permessi temporanji biex jitqiegħdu gabbani għall-attività Isle of MTV Festival li se ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2008 se jibdew jintlaqgħu mit-8.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2008. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq bażi "min jiġi l-ewwel jinqeda" u kull applikant ma jistax japplika għal aktar minn post wieħed. Ritratt tal-posta irid jiġi sottomess flimkien mal-applikazzjoni.

L-10 ta' Ġunju, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

**Sports Persons and Organisations Registration**

According to the Legal Notice 63 of 2008 which refers to the Sports Act (Cap.455) a Register of Sports Persons is being launched and will fall under the responsibility of the Kunsill Malti għall-iSport.

Applicants must apply for registration by submitting to the Council the application form, addressed to the Chairman of the Council, which shall be accompanied by all the documents required by the Act and these regulations, which are listed hereunder:

Statute or Act of Constitution of the applicant and all regulations and bye-laws of the applicant updated to the date of this application, if applicable.

The latest report that is annually required from the Officials of the applicant in accordance with the Satute or Act of Constitution of the applicant, if applicable.

The latest annual accounts and auditor's report of the applicant.

Applications may be collected from the Kunsill Malti għall-iSport's offices at the Cottonera Sports Complex, or by downloading a copy from the website www.sportsmalta.org.mt.

10th June, 2008

MARSA LOCAL COUNCIL

The Marsa Local Council notifies that, in accordance with Article 35 of the Local Councils' Act (Cap. 363) regarding draft of Bye Law: Use of Mini Pitch, is available at the Local Council's office during office hours from Monday to Friday between 8.00 a.m. and noon.

A meeting will follow to discus this Bye Law on Wednesday, 9th July, 2008.

10th June, 2008

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that applications for temporary permits of placing of kiosks for the Isle of MTV Festival, to be held on 25th June, 2008 will be accepted from 8.30 a.m. of Thursday, 12th June 2008. The applications will be accepted on first come first served basis and each applicant can apply for one place only. A photo of the kiosk should be submitted with the application.

10th June, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

**Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Ġunju, 2008, għal:**

CT 101/2008. Provvista ta' *isoflurane inhalation* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 102/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *mitoxantrone* 20mg – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 103/2008. Provvista ta' *sodium chloride 0.9% X 3000ml fluid for irrigation BP/EP* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 104/2008. Provvista ta' *reagents for biochemical analysis* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 105/2008. Provvista ta' *intravenous iron supplement* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 107/2008. Provvista ta' servizzi ta' sigurtà, għassa, *cash-in-transit, alarm monitoring* u *response* - Dipartiment tal-VAT.

**Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Ġunju, 2008, għal:**

CT 89/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *zolendronic acid 5mg* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' April 2008.

CT 90/2008. Provvista ta' pilloli *leflunomide 10mg* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' April 2008.

CT 99/2008. Provvista ta' *0.9% sodium chloride x 1000ml IV injection* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

CT 100/2008. Provvista ta' *holmium laser reusable light guide probes* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

CT 111/2008. Provvista ta' *indirect immunofluorescent kits* bit-tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 112/2008. Provvista ta' *volumetric pump sets* biex

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 12th June, 2008, for:**

CT 101/2008. Supply of isoflurane inhalation – Department of Health.

CT 102/2008. Supply of mitoxantrone 20mg injections – Department of Health.

CT 103/2008. Supply of sodium chloride 0.9% X 3000ml fluid for irrigation BP/EP – Department of Health.

CT 104/2008. Supply of reagents for biochemical analysis with equipmemt on loan – Department of Health.

CT 105/2008. Supply of intravenous iron supplement – Department of Health.

CT 107/2008. Supply of security, guarding, cash-in-transit, alarm monitoring and response services - VAT Department.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 17th June, 2008, for:**

CT 89/2008. Supply of zolendronic acid 5mg injections – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 17th April 2008.

CT 90/2008. Supply of leflunomide 10mg tablets – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 17th April 2008.

CT 99/2008. Supply of 0.9% sodium chloride x 1000ml IV injection – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

CT 100/2008. Supply of holmium laser reusable light guide probes – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

CT 111/2008. Supply of indirect immunofluorescent kits with equipment on loan – Department of Health.

CT 112/2008. Supply of volumetric pump sets for use with

jintużaw ma' *volumetric pumps* għall-użu minn *total parenteral nutrition (TPN) patients* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 113/2008. Provvista ta' *gluten free flour* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 114/2008. Provvista ta' *ALT/GPT tests* b'*analysers* b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 115/2008. Provvista ta' pilloli *carbidopa 25mg, levodopa 100mg* u *entacopone 200mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 116/2008. Provvista ta' galettini *gluten free fibre* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 117/2008. Provvista ta' kapsoli *ritonavir 100mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 118/2008. Provvista ta' *balance salt solution x 500ml* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 119/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *lignocaine 2% x 5ml* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 120/2008. Provvista ta' *hollow fibre dialysers UF 15-30* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 121/2008. Provvista ta' *yellow fever vaccine* – Dipartiment tas-Saħħa.

**Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Ġunju, 2008, għal:**

CT/A/4/2008. Provvista ta' tagħmir, implimentazzjoni u servizzi ta' għajnuna għax-*Schengen Information System II* – Dipartiment tal-Pulizija. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.mjha.gov.mt/downloads

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Mejju 2008.

CT 132/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' xugamani lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Ġunju, 2008, għal:**

CT 106/2008. Provvista ta' pilloli *glibenclamide 5mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-25 ta' April 2008.

CT 134/2008. Kisi ta' korsa, *football ground* u parkeġġ għall-karozzi fl-Iskola Sekondarja il-Ġdida tas-Subien, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid

volumetric pumps for use by total parenteral nutrition (TPN) patients – Department of Health.

CT 113/2008. Supply of gluten free flour – Department of Health.

CT 114/2008. Supply of ALT/GPT tests with analysers on loan – Department of Health.

CT 115/2008. Supply of carbidopa 25mg, levodopa 100mg and entacopone 200mg tablets – Department of Health.

CT 116/2008. Supply of gluten free fibre biscuits – Department of Health.

CT 117/2008. Supply of ritonavir 100mg capsules – Department of Health.

CT 118/2008. Supply of balance salt solution x 500ml – Department of Health.

CT 119/2008. Supply of lignocaine 2% x 5ml injections – Department of Health.

CT 120/2008. Supply of hollow fibre dialysers UF 15-30 – Department of Health.

CT 121/2008. Supply of yellow fever vaccine – Department of Health.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th June, 2008, for:**

CT/A/4/2008. Supply of equipment, implementation and support services for the Schengen Information System II – Police Department. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mjha.gov.mt/downloads

The EU Contract Notice was dispatched on 8th May 2008.

CT 132/2008. Framework agreement for the supply of towels to the Procurement Section of the Contracts Department.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th June, 2008, for:**

CT 106/2008. Supply of glibenclamide 5mg tablets – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th April 2008.

CT 134/2008. Surfacing of track, football ground and car park at the new Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00

jitħallas dritt ta' €80.00 (Lm34.34) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

**Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Ġunju, 2008, għal:**

CT 125/2008. Provvista ta' ammunizzjon – Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 (Lm21.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 126/2008. Xiri ta' kotba għall-kors tal-lingwa Ingliża u kotba tal-grammatika għas-Settur Sekondarju 2008-2009 – Direttorat għas-Servizzi ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 127/2008. Provvista ta' taqtir ta' l-għajnejn *timolol maleate 0.5%* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 128/2008. Provvista ta' ngwent *calcipotriol* u *bethamethasone* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 94/2008. Provvista ta' *emollient bath additive* - Dipartiment tas-Saħħa.

**Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT 122/2008. Provvista ta' *beclomethasone dipropionate 500mcg inhaler* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Mejju 2008.

CT 123/2008. Provvista ta' *sterile connection devices* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Mejju 2008.

CT 130/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *terlipressin 1mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-glukożju fid-demm – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

**Sal-10.00a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT 133/2008. Xogħlijiet ta' tlestija fil-*backstage facilities* tat-Teatru Manoel f'81, Triq Zekka, Valletta - Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 (Lm98.74) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

(Lm34.34) will be charged for each copy of tender document.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th June, 2008, for:**

CT 125/2008. Supply of ammunition – Police Department. A fee of €50.00 (Lm21.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 126/2008. Purchase of English Language Course books and grammar textbooks for the Secondary Sector 2008-2009 – Directorate for Educational Services. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

CT 127/2008. Supply of timolol maleate 0.5% eye drops – Department of Health.

CT 128/2008. Supply of calcipotriol and bethamethasone ointment – Department of Health.

CT 94/2008. Supply of emollient bath additive - Department of Health.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st July, 2008, for:**

CT 122/2008. Supply of beclomethasone dipropionate 500mcg inhaler – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th May 2008.

CT 123/2008. Supply of sterile connection devices – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th May 2008.

CT 130/2008. Supply of terlipressin 1mg injections – Department of Health.

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores at Marsa - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd July, 2008, for:**

CT 133/2008. Finishing works at Manoel Theatre backstage facilities at 81, Triq Zekka, Valletta - Manoel Theatre. A fee of €230.00 (Lm98.74) will be charged for each copy of tender document.

CT 135/2008. Provvista u stallazzjoni ta' *football ground* b'turf artifiċjali, wiċċ sintetiku għall-korsa, *proprietary galvanised steel fence* u sistema ta' *floodlight* fl-Iskola Sekondarja tas-Subien il-ġdida, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 (Lm34.34) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 137/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *pullovers* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT 124/2008. Żvilupar, implimentazzjoni u *support* ta' *fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System* – Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 (Lm21.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Mejju 2008.

**Sal-10.00a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT/A/5/2008. Servizzi ta' *project management* fuq xogħlijiet relatati mal-*Malta South Sewage Network Projects* - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa mill-Unjoni Ewropeja, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja.

(*Budget* stmat: €1,035,700 (Lm444,620.93) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Mejju 2008.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT 129/2008. Provvista ta' *total parenteral nutrition* (TPN) għall-adulti – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' Mejju 2008.

CT 131/2008. Xiri ta' *Excise Movement and Control System* u l-provvista ta' servizzi ta' l-għajnuna - Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 (Lm42.93) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Mejju 2008.

**Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Lulju, 2008, għal:**

CT 136/2008. Restawr tas-Sur San Kristofru, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 (Lm42.93) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 135/2008. Supply and installation of an artificial turf football ground, synthetic track surface, proprietary galvanised steel fence and floodlighting system at the new Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 (Lm34.34) will be charged for each copy of tender document.

CT 137/2008. Framework agreement for the supply of pullovers to the Procurement Section of the Contracts Department.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th July, 2008, for:**

CT 124/2008. Development, implementation and support of a fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System – Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. A fee of €50.00 (Lm21.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th May 2008.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 10th July, 2008, for:**

CT/A/5/2008. Project management services on works relating to the Malta South Sewage Network Projects - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is funded by the European Union, European Regional Development Fund - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget: €1,035,700 (Lm444,620.93) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 28th May 2008.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th July, 2008, for:**

CT 129/2008. Supply of total parenteral nutrition (TPN) Adult – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th May 2008.

CT 131/2008. Procurement of an Excise Movement and Control System and the provision of support services - Customs Department. A fee of €100.00 (Lm42.93) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th May 2008.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th July, 2008, for:**

CT 136/2008. Restoration of St Christopher Bastion, Valletta - Works Division. A fee of €100.00 (Lm42.93) will be charged for each copy of tender document.

CT/A/6/2008. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ċivili fir-Rinella *Sewage Pumping Station* tad-Drenaġġ ta' l-Irnella - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja.

(*Budget* stmat: €790,000.00 (Lm339,143.13) mingħajr V.A.T.).

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

*Tenderers* huma avżati li jżuru il-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-10 ta' Ġunju, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

L-10 ta' Ġunju, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, il-Marsa – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-

CT/A/6/2008. Civil construction works of Rinella Sewage Pumping Station - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is funded by the European Union, European Regional Development Fund - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget: €790,000.00 (Lm339,143.13) excluding V.A.T.).

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

10th June, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

10th June, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores in Marsa – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers

avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Lulju, 2008.

L-10 ta' Ġunju, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 94/2008. Provvista ta' *emollient bath additive* - Dipartiment tas-Saħħa.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi ttawwal sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Ġunju, 2008.

L-10 ta' Ġunju, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-glukożju fid-demm – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi ttawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Lulju, 2008.

L-10 ta' Ġunju, 2008

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Ġunju, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 37/08. Provvista, konsenja u kummissjonar ta' *mini excavator* ġdid wieħed (1) lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €70 (Lm30.05) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 38/08. Tiswijiet fil-pavimentar pedonali b'disinn ippressat fix-Xatt, Tas-Sliema.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 (Lm8.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st July, 2008.

10th June, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 94/2008. Supply of emollient bath additive - Department of Health.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th June, 2008.

10th June, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st July, 2008.

10th June, 2008

WORKS DIVISION
AND SERVICES DIVISION

The Directors General, Works Division and Services Division, notify that:–

**Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 13th June, 2008, for:-**

Advt. No. 37/08. Supply, delivery and commissioning of one (1) brand new mini excavator to the Manufacturing and Services Department, Services Division.

A fee of €70 (Lm30.05) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. 38/08. Repairs to the imprinted pattern pedestrian paving at The Strand, Sliema.

A fee of €20 (Lm8.59) is to be charged for the procurement of each tender document.

Kwot. Nru. 18/08. Provvista ta' *bitumen penetrating primer* lit-Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 (Lm8.59) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 19/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' diversi tipi ta' *general pupose respirators* lit-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 (Lm10.73) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-17 ta' Ġunju, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 39/08. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *telescopic crane* mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi 2008/2009.

Għandu jitħallas dritt ta' €35 (Lm15.03) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 40/08. Servizzi ta' tindif fil-Fergħa ta' Kordin fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 (Lm8.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. 20/08. *Air conditioning unit* għall-Uffiċċji tal-*Unit* tar-Restawr, l-Ospizio, il-Furjana

Għandu jitħallas dritt ta' €15 (Lm6.44) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Ġunju, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 41/08. Xogħlijiet ta' tiswijiet u tlestija fil-faċċati ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta

Għandu jitħallas dritt ta' €50 (Lm21.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 42/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' sapun iebes tal-ħwejjeġ.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 (Lm10.73) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 43/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi mediċi lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Quot. No. 18/08. Supply of bitumen penetrating primer to the Works Division, Floriana.

A fee of €20 (Lm8.59) is to be charged for the procurement of each tender document.

Quot. No. 19/08. Period contract for the supply and delivery of various types of general pupose respirators to the Works Division and Services Division, Floriana.

A fee of €25 (Lm10.73) is to be charged for the procurement of each tender document.

**Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday 17th June 2008, for:-**

Advt. No. 39/08. Period contract for the hire of telescopic crane by the Works Division and Services Division 2008/2009.

A fee of €35 (Lm15.03) is to be charged for the procurement of each tender document

Advt. No. 40/08. Cleaning services at the Kordin Branch of the Manufacturing and Services Department.

A fee of €20 (Lm8.59) is to be charged for the procurement of each tender document.

Quot. No. 20/08. Air conditioning unit for the Restoration Unit Offices, Ospizio, Floriana

A fee of €15 (Lm6.44) is to be charged for the procurement of each quotation document.

**Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday 20th June 2008, for:-**

Advt. No. 41/08. Repair and finishing works on facades of the National Statistics Office, Lascaris, Valletta

A fee of €50 (Lm21.47) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 42/08. Period contract for the supply and delivery of hard laundry soap.

A fee of €25 (Lm10.73) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 43/08. Period contract for the provision of medical services to the Ministry for Resources and Rural Affairs.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 (Lm10.73) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 44/08. Formazzjoni ta' *drains* f'retenzjoni eżistenti u tħaffir ta' vaska biex jintrefa' ilma tax-xita f'Wied Għollieqa, il-Kappara l/o San Ġwann.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 (Lm21.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 45/08. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *pneumatic backhoe* (għall-iskavar u tqattigħ ta' blat taħt l-ilma f'kundizzjonijiet ta' ilma mielaħ) li jintużaw mill-Marine/ Storm Water Control Unit, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €35 (Lm15.03) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 21/08. Tiswija ta' konkos b'disinn pressat fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan.

Għandu jitħallas dritt ta' €15 (Lm6.44) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 46/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja fuq il-post ta' ġir mhux mitfi u li jixrob biex jintuża mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 (Lm10.73) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 47/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja fuq il-post ta' ċangaturi tal-konkos *precast* għall-mogħdija pedonali għat-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €46 (Lm19.75) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 48/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' *bituminous membrane* kontra l-ilma għat-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.30 (Lm10.00) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu wara l-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office* tat-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi, Blokk A, il-Furjana,

A fee of €25 (Lm10.73) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 44/08. Formation of drains in existing retention and excavation of basin for harvesting storm water at Wied Għollieqa, Kappara l/o San Ġwann.

A fee of €50 (Lm21.47) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 45/08. Period contract for the hire of a pneumatic backhoe (to excavate and cut rock underwater in saline conditions) for use by the Marine/Storm Water Control Unit, Services Division, Floriana.

A fee of €35 (Lm15.03) is to be charged for the procurement of each tender document.

